MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 624/2003

**Giuseppe Goodlip**

**vs**

**Anthony Pace**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' Marzu, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm178.75), u fejn intqal:**

**Illi l-kontendenti kienu nvoluti f'incident awtomobilistiku fid-29 ta' Awissu, 2002, gewwa Triq il-Lunzjata, St. Venera (Dok.A);**

**Illi tali incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja, u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut;**

**Illi s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut assumiet responsabilita` izda limitatament ghall-hsarat sofferti fil-vettura ta' l-attur;**

**Illi spejjez ulterjuri maghmulin mill-attur fir-rigward ta' "towing", "Garage" u spejjez legali ma gewx onorati mis-socjeta` assikuratrici tal-konvenut;**

**Ghaldaqstant intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma mitluba;**

**Bl-ispejjez u bl-imghax mid-data ta' meta l-attur inkorra l-istess spejjez.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr Shazzo Ghaznavi li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Art.13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' mija u tmienja u sebghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm178.75), bl-imghaxijiet legali mid-29 ta' Marzu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**--------------------------------TMIEM--------------------------------**